Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 22 ta' Settembru 2023**
**(OR. en)**

**12964/23**

**LIMITE**

**CSDP/PSDC 640**
**CFSP/PESC 1245**
**EUMC 385**
**COAFR 310**
**RELEX 1050**
**CONUN 243**
**CSC 440**
**EUTM RCA 7**
**PSC DEC 40**

PUBLIC

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1919 (EUTM RCA/1/2023) |

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/…**

**ta' …**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1919 (EUTM RCA/1/2023)**

PUBLIC

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

[1] ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21.

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA), inkluż id-deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE sussegwenti tal-EUTM RCA.

(2) Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1919[1] li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Lino Loureiro GONÇALVES bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA.

(3) Fit-3 ta' Awwissu 2023, permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1600[2], il-Kunsill estenda l-mandat tal-EUTM RCA sad-19 ta' Settembru 2024.

(4) Fid-9 ta' Awwissu 2023, l-awtoritajiet militari Rumeni pproponew il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Cornel TONEA-BĂLAN biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Lino Loureiro GONÇALVES bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA.

(5) Fit-23 ta' Awwissu 2023, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE appoġġa l-proposta li saret mill-awtoritajiet militari Rumeni.

---

[1] Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (PESK) 2022/1919 tas-6 ta’ Ottubru 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta’ Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/105 (EUTM RCA/3/2022) (ĠU L 263, 10.10.2022, p. 19).

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1600 tat-3 ta’ Awwissu 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta’ Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 196, 4.8.2023, p. 35).

PUBLIC

(6) Fil-25 ta' Awwissu 2023, il-Kumitat Militari tal-UE qabel li jirrakkomanda li l-KPS japprova l-proposta li saret mill-awtoritajiet militari Rumeni.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Cornel TONEA-BĂLAN bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA mis-7 ta' Ottubru 2023.

(8) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1919 jenħtieġ li titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Cornel TONEA-BĂLAN huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) mis-7 ta' Ottubru 2023.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1919 hija mħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2023.

Magħmul fi …

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
*D. PRONK*

PUBLIC